

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Germanwings GmbH

Konvenut: Amend

Domandi preliminari

Huwa kompatibbli mal-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri fi ħdan l-Unjoni Ewropea li, sabiex tevita differenza fit-trattament li tkun teżisti fil-każ kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta r-Regolament Nru 261/2004 ⁽¹⁾ fis-sens li l-passiġġier li huwa affettwat b'sempliċi dewmien ta' iktar minn tliet sigħat għandu dritt għal kumpens skont l-Artikolu 7 tar-Regolament, minkejja li r-Regolament jipprovdi tali dritt biss fil-każ ta' rifjut ta' imbar-kament jew annullament tat-tijira riżervata filwaqt li, f'każ ta' dewmien, jillimita d-dritt tal-passiġġier għal assistenza skont l-Artikolu 9 tar-Regolament kif ukoll — jekk id-dewmien ikun ta' iktar minn ħames sigħat — għal assistenza fis-sens tal-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament?

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitolgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' tijiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fl-10 ta' Awwissu 2011 — Jutta Leth vs Ir-Repubblika tal-Awstrija, Land Niederösterreich

(Kawża C-420/11)

(2011/C 319/17)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Jutta Leth

Konvenuti: Ir-Repubblika tal-Awstrija, Land Niederösterreich

Domanda preliminari

L-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, tas-27 ta' Ġunju 1985 ⁽¹⁾, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE, tat-3 ta' Marzu 1997 ⁽²⁾ u bid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Mejju 2003 ⁽³⁾, għandu jiġi interpretat fis-sens li:

(1) il-kunċett "beni materjali" jkopri biss is-sustanza fiżika tagħhom jew fis-sens li jkopri wkoll il-valur tagħhom?

(2) l-istima tal-effetti fuq l-ambjent tinkludi wkoll il-protezzjoni ta' individwu kontra danni patrimonjali kkawżati bit-tnaqqis fil-valur tal-proprjetà immobbli tiegħu?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, tas-27 ta' Ġunju 1985, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 248).

⁽²⁾ Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE, tat-3 ta' Marzu 1997, li temenda d-Direttiva 85/337/KEE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 151).

⁽³⁾ Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Mejju 2003, li ttiprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 466).

Rikors ippreżentat fl-1 ta' Settembru 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Portugiża

(Kawża C-450/11)

(2011/C 319/18)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Afonso u L. Lozano Palacios, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Portugiża

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħgħobha:

— tiddikjara li, billi applikat l-iskema speċjali tal-VAT għall-aġenziji tal-ivvjaġġar lis-servizzi tal-ivvjaġġar li jinbigħu lil persuna li ma tkunx il-vjaġġatur, bħal ma huwa previst fid-Digriet-Liġi Nru 221/85, tat-3 ta' Lulju, ir-Repubblika Portugiża ma wettqitx l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 306 sa 310 tad-Direttiva tal-VAT ⁽¹⁾

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni tqis li sa fejn ir-Repubblika Portugiża tapplika l-iskema speċjali għat-tranżazzjonijiet imwettqa mill-aġenziji tal-ivvjaġġar favur aġenziji tal-ivvjaġġar oħra jew lil persuni oħra suġġetti għall-VAT li ma jkunux il-vjaġġatur, hija ma hijiex konformi mad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dan ir-rigward, ladarba d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT jirrikjedu li l-applikazzjoni tal-iskema speċjali tkun limitata għas-servizzi pprovduti lill-vjaġġaturi.

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1)